*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,419, 18 ta' Ottubru, 1977*
*Taqsima C*

# Nru. 50

18. 10. 77

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Agatha Barbara, M.P., Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-17 ta' Ottubru, 1977.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Agatha Barbara, M.P., Minister of Labour, Welfare and Culture, and read the First time at the Sitting of the 17th October, 1977.

**AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1977 li jemenda l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "żewġ ħwienet tal-merċa" kull fejn jinsabu fil-paragrafu (a) tiegħu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "ħanut tal-merċa", u

(b) minflok il-kliem "tal-ħwienet tal-merċa li jkunu meħtieġa li jibqgħu miftuħa" għandhom jidħlu l-kliem "tal-ħanut tal-merċa li jkun meħtieġ li jibqa' miftuħ.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq sabiex ħanut tal-merċa wieħed biss f'kull parroċċa jkollu jinżamm miftuħ għall-qadi tal-parruċċani fil-Ħdud u fil-Ġimgħa l-Kbira.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Shops and Hawkers (Business Hours) (Amendment) (No. 2) Act, 1977, and shall be read and construed as one with the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 7 of the principal Act.

**2.** Subsection (3) of section 7 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) for the words "two grocery shops" wherever they occur in paragraph (a) thereof there shall be substituted in each case the words "one grocery shop", and

(b) for the words "of the grocery shops which are required to be kept open" in paragraph (b) thereof there shall be substituted the words "of the grocery shop which is required to be kept open".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957, so that only one grocery shop in each parish need open for the serving of customers on Sundays and on Good Friday.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*

Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*

Prezz 1c — *Price 1c*